31972R1037

20.5.1972 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 118/19

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 1037/72 TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Mejju 1972

li jistabbilixxi regoli ġenerali dwar l-għoti u l-iffinanzjar ta' l-għajnuna lill-produtturi tal-ħop

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1696/71 [1] tas-26 ta' Lulju 1971 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħops, u partikolarment l-Artikolu 13(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 729/70 [2] tal-21 ta' April 1970 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrarja komuni, u partikolarment l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71 jipprovdi għall-għoti ta' l-għajnuna għall-ħops ikkoltivati fil-Komunità; billi huwa għaldaqstant neċessarju li jiġu stabbiliti regoli ġenerali għall-applikazzjoni prevista fl-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament;

Billi l-għajnuna hija neċessarja għal raġunijiet amministrattivi biex tingħata għajnuna, f'kull Stat Membru, biss lil lokalitajiet fejn jitkabbru l-ħops fit-territorju ta' dak l-Istat;

Billi l-għajnuna tingħata biss fir-rigward ta' lokalitajiet irreġistrati fejn jitkabbru l-ħops; billi, konsegwentement, trid issir disposizzjoni għall-introduzzjoni mill-Istati Membri, ta' sistema ta' dikjarazzjonijiet u reġistrazzjoni ta' dawn il-lokalitajiet;

Billi s-sistema ta' l-għajnuna ma' tistax taħdem sewwa mingħajr spezzjonijiet li jiżguraw li l-għajnuna tingħata biss lil lokalitajiet fejn jitkabbru l-ħops u li jkunu ġew maħsuda;

Billi għandu jiġi stabbilit li lokalitajiet li għalihom tkun intalbet l-għajnuna għandu fihom jitkabbru l-ħops skond il-prassi normali;

Billi din l-għajnuna tinvolvi spiża, billi l-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71 jgħid li regolamenti dwar l-iffinanzjar tal-politika agrarja komuni huma applikabbli għal din l-għajnuna; billi, konsegwentement, għandu jiġi speċifikat li din l-għajnuna għandha tkun iffinanzjata skond l-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 729/70,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-regoli ġenerali stabbiliti fl-Artikoli li ġejjin għandhom ikunu applikabbli għall-għajnuna lill-produtturi tal-ħops li tista' tingħata skond l-Artikolu 12 tar-Regolamenyt (KEE) Nru 1696/71.

Artikolu 2

1. Kull Stat Membru għandu jagħti għajnuna biss lil lokalitajiet li fihom jitkabbru l-ħops fit-territorju tiegħu.

2. L-għajnuna għandha tingħata, meta ssir applikazzjoni mill-produttur, taħt il-kondizzjonijiet li jiżguraw l-ugwaljanza fit-trattament lill-benefatturi irrispettivament mill-post fejn ikunu stabbiliti fil-Komunità.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jintroduċu sistema ta' dikjarazzjonijiet u reġistrazzjoni tal-lokalitajiet fejn jitkabbru l-ħops.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-arranġamenti għall-verifika ta':

(a) il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet tal-lokalitajiet fejn jitkabbru l-ħops imressqa mill-produtturi,

(b) il-lokalitajiet li jiġu maħsuda.

[1] ĠU L 175, ta' l-4.8.1971, p. 1.
[2] ĠU L 94, tal-28.4.1970, p. 13.

Gruppi ta' produtturi m'għandhomx jinħatru biex jagħmlu din il-verifika.

Artikolu 4

Lokalitajiet li fihom jitkabbru l-ħops li għalihom tkun intalbet għajnuna għandu jkollhom densità normali ta' pjanti tal-ħops addattati għall-produzzjoni.

Artikolu 5

1. L-għajnuna prevista fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71 hija intervent fl-ambitu tad-definizzjoni ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE) Nru 729/70.

2. L-ispiża dwar l-għajnuna msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ekwivalenti għall-ammonti mħallsa taħt l-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71 u d-dispożizzjonijiet li joħorġu minnu.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Mejju 1972.

Għall-Kunsill

M. MART

Il-President